MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2006

Numru 17/2005

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Khallouf Fatiha

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2005 kontra l-akkuzata Khallouf Fatiha, li bih hija giet akkuzata talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnax (12) ta' Mejju, elfejn u hamsa (2005), Khallouf Fatiha waslet Malta b'titjira minn Tunis ghall-habta ta' nofs inhar (12.00) u importat illegalment f'Malta 1457.3 grammi erojina li kienet mohbija f'bagalja.**

**Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li**

**tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.**

**Illi b'ghemilha l-imsemmija Khallouf Fatiha saret hatja talli importat, gieghlet li tigi mportata jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (erojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhiex licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Khallouf Fatiha, hatja talli mportat, gieghlet li tigi mportata jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (erojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhiex licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata w illi tigi kkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorha w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzata.**

**2) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi, xi zmien qabel it-tnax (12) ta' Mejju, tal-elfejn u hamsa (2005) Khallouf Fatiha ftiehmet ma' persuni ohra biex timporta f'Malta d-droga erojina ha tigi traffikata illegalment Malta. Illi**

**fil-fatt hi mportat l-istess droga fit-12 ta' Mejju, 2005 meta waslet f'Malta b'titjira tal-Air Malta KM 681 minn Tunis skond l-istess ftehim u kellha taghti l-istess droga lil kuntatt f'Malta.**

**Illi b'ghemilha, l-imsemmija Khallouf Fatiha saret hatja talli assocjat ruhha ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegh jew tittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocjazzjoni.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Khallouf Fatiha hatja talli assocjat ruhha ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegh jew tittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocjazzjoni.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata w illi tigi kkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorha w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Malta (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzata.**

3) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel zewg kapi tal-Att tal-Akkuza w cioe' fit-12 ta' Mejju, 2005 u xi zmien qabel, Khallouf Fatiha waslet Malta w kellha fil-pussess illegali taghha

kwazi kilo w nofs droga erojina, liema droga kienet intiza biex tigi traffikata f’Malta.

Illi b’ghemilha l-imsemmija Khallouf Fatiha, saret hatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga erojina li ghaliha tapplika t-Taqsima V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) meta ma kienitx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija w ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienitx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha w dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Khallouf Fatiha hatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga erojina li ghaliha tapplika t-Taqsima V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101), meta ma kienitx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija w ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienitx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha w dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha.

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata w illi tigi kkundannata ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorha w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Malta (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzata.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat il-fedina penali tal-akkuzata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza;**

Rat ir-rikors tad-19 ta' Mejju, 2006, ipprezentat mill-Avukat Generali u mill-akkuzata Khallouf Fatiha, fejn, a tenur tal-artikolu 453A (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , talbu li, fl-eventwalita' ta' ammissjoni da parti tal-akkuzata Khallouf Fatiha, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqha ghandha tkun ta' prigunerija ghall-periodu ta' hdax (11) il-sena w multa ta' hdax il-elf lira Maltin (LM11,000), oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta , inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjez u tal-proprjeta' immobbli u mobbli tal-istess akkuzata.

**Rat il-verbal li bih l-akkuzata permezz ta' Dr. Joseph Giglio irrinunzjat ghal kull terminu legali w iddikjarat li l-kawza tista' ssir illum u li bih ezentat lill-Qorti mill-qari tal-Att tal-Akkuza;**

**Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzata, wara li gew spjegati lilha bi kliem car x' ikunu l-konsegwenzi tat-talba taghha kontenuta fir-rikors fuq imsemmi, skond l-artikolu 453A (2) tal-Kap.9, mistoqsija jekk hix hatja skond l-Att tal-Akkuza, wiegbet billi stqarret li hi kienet hatja tar-reati hemm dedotti kontra taghha;**

**Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatha ftit taz-zmien biex terga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzata baqghet itenni t-twegiba li hi kienet hatja;**

**Tiddikjara ghalhekk lil Khallouf Fatiha hatja li :-**

**1. fit-12 ta' Mejju, 2005, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, mportat, gieghlet li tigi mportata jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (erojina) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) meta ma kellhiex licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;**
**2. f' xi zmien qabel it-12 ta' Mejju, 2005 assocjat ruhha ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegh jew tittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocjazzjoni, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;**
3. fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-ewwel zewg kapi tal-Att tal-akkuza kellha fil-pussess taghha d-droga erojina li ghaliha tapplika t-Taqsima V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) meta ma kienitx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew

tforni d-droga msemmija w ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienitx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha w dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha.

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;**

**Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reati in dizamina hija dik ta’ ghomor il-habs, skond l-artikolu 492 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta f’xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, l-Qorti tista’, minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena.**

Illi inoltre skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta’ tal-hati, il-kondotta ta’ qabel tal-hati, il-kwantita’ tal-medicina w x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

**Ikkonsidrat ;**

**Qieset li l-hatja rregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija;**

**Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni**

**tal-gustizzja; (Ara** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”, **Qorti Kriminali , [24.2.1997] ;** “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”, **Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).**

**Qieset ukoll il-kondotta taghha kif ukoll iz-zmien li hi lahqet ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi;**

**Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (Ara** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem” **(31.10.2002) u** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag” **(15.05.2003), kif del resto anke qablu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza b’verbal appozitu;**

Mill-banda l-ohra qieset li hi kienet qeghda timporta go Malta kwantita’ sostanzjali ta’ 1457.3 grammi tad-droga erojina li pero’ l-purita’ taghha kienet ta’ circa 16% .

**Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi recentement biex ikun jista’ jinzamm certu proporzjon u relativita’ fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita’ tar-reat in kwantu l-kwantita’ w purita’ tad-droga mportata, u meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita’ f’sentenzi li jirrigwardaw din il-marterja;**

**U, wara li qieset dan kollu, din il-Qorti hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet u mizuri , mitluba fir-rikors tal-prosekuzzjoni u tal-akkuzata fuq imsemmi huma tali li jkun legittimu ghaliha li timponi mas-sejbien tal-htija ghar-reati li dwarhom l-hatja ammettiet il-htija u ghalhekk m’ghandhiex ghalfejn tordna li jsir il-guri tal-kaz, u wara li spjegat lill-hatja bi**

**kliem car x' inhuma il-konsegwenzi tat-talba taghha , qed taghti l-infraskritta sentenza fuq talba tal-partijiet.**

**Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li Rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa), (3A)(d) u 26 tal-Kap. 101 u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-Artikoli 17 (h), 23 453A, 492 u 533 tal-Kap 9;**

**Tikkundanna lill-hatja Khallouf Fatiha, kif minnha stess u mill-Prosekuzzjoni mitlub, ghall-piena ta' hdax il-sena prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hi ghamlet taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li thallas multa ta' hdax il-elf lira Maltin (LM11,000) u, jekk din ma tithallasx minnufieh, tigi awtomatikament konvertita fi' tmintax (18) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi , kif ukoll li thallas is-somma ta' tlett mija w sittin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM360.91c), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hatja a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hatja ;**

**Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,**

**Fl-ahhar nett tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------